/.;

# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1122/2013 MH**

**Illum 10 ta' Lulju, 2020**

**Schembri Infrastructures Ltd (C 17388)**

**vs**

**Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tas-soċjeta' attriċi tat-22 ta' Novembru 2013** li permezz tiegħu esponiet:

1. *"Illi bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' appalt permezz ta' liema l-attriċi ġiet inkarigata tagħmel xogħolijiet ta' kostruzzjoni fuq xi toroq f'Ħaż-Żebbuġ, Malta;*

2. *Illi wara li ingħatat l-inkarigu, l-attriċi kkonduċiet ix-xogħolijiet kif rikjesti mill-kumpannija intimata bid-diliġenza kollha meħtieġa minnha u in buona fede;*

3. *Illi matul il-kors tax-xogħolijiet l-intimata għamlet pagamenti akkont tal-prezz finali iżda għad fadlilha tħallas lill-attriċi is-somma bilanċjali ta' tnejn u disgħin elf, mija u ħamsa u disgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€92,195.24) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' appalt u materjali fornuti dovuti skond it-tender suriferit (rendikont anness u mmarkat bħala Dokument SIL2);*

4. *Illi nonostante li x-xogħolijiet tlestew u ġew konsenjati lill-intimata, li aċċettathom, l-intimata qiegħda tirrifjuta mingħajr raġunijiet validi li tħallas lill-attriċi l-bilanċ premess u ċioe is-somma suriferita ta' €92,195.24, bl-imgħaxjiet mill-ġurnata tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;*

5. *Illi nterpellata għall-hlas kemm il-darba bil-miktub, inkluż permezz ta' l-ittra uffiċjali numru 1387/13 tal-14 ta' Mejju 2013 (kopja annessa bħala Dokument SIL3) l-intimata baqgħet inadempjenti;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Ghaldaqstant tghid l-intimata in vista tal-fatti kif brevement premessi f' dan ir-rikors u in vista ta' dawk il-fatti kollha li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza, ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:*

1. *Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallas l-ammont ta' €92,195.24 jew somma verjuri li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida prezz ta'*

*xogħlijiet imwettqa mis-soċjeta' rikorrenti bl-imgħaxxijiet skond il-liġi mid-data tal-konsenja tax-xogħolijiet lill-intimata;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hi, fil-persuna tar-rappresentanti ġiuridiċi tagħha inġunta minn issa in subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti skond il-liġi u naxxenti mill-fatti brevement indikati f'dan ir-rikors."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta tal-Kunsill Lokali ta' Haż-Żebbuġ tas-17 ta' Jannar 2014**[1] permezz ta' liema eċċepixxa -

*" 1. Illi in linea preliminarjament l-intimat Kunsill Lokali Haż-Żebbuġ ma jeżistix u kwindi l-eċċipjent għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*2. Illi huwa subordinament u mingħajr preġudizzju l-ammont pretiż mhux dovut stante li fl-ewwel lok huwa eżaġerat u fit tieni lok is-soċjeta' Schembri Infrastructures Limited għandha tħallas lill-Kunsill Lokali Haż-Żebbuġ penalitajiet għal xogħol li kienet obbligat ruħha li teżegwixxi f'toroq ġewwa Haż-Żebbuġ u li ma baqgħu ma sarux, il-valur ta' liema penalitajiet qed jiġi mitlub li jiġu likwidati f' kontro-talba li qegħda ssir kontestwalment ma' din ir-risposta.*

*3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **il-kontro-talba tal-Kunsill Lokali Haż-Żebbuġ tas-17 ta' Jannar 2014**[2] permezz ta' liema eċċepixxa –

---

[1] Fol 70 et seq
[2] Fol 72 et seq

*"Illi l-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ qiegħed jipprevalixxi ruħu mill-azzjoni odjerna sabiex jiċċita lis-soċjeta' attriċi in via rikonvenzjonali għall-ħlas ta' l-istess penalitajiet.*

1. *Illi s-soċjeta' attriċi ġiet kommissjonata mill-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ sabiex tesegwixxi xogħolijiet f' toroq ġewwa Ħaż-Żebbuġ, liema xogħolijiet huma elenkati fid-diversi "default notices" hawn annessi u mmarkati Dokumenti 1 sa 49.*

2. *Illi s-soċjeta' attriċi naqset li tesegwixxi dawn ix-xogħolijiet u kwindi rrendiet ruħha passiva għall-ħlas tal-penalitajiet skond it-tender documents relattivi.*

3. *Illi s-soċjeta' attriċi hija responsabbli għall-ħlasijiet ta' tali penalitajiet.*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' Schembri Infrastructures Limited (C17388) 'il ghaliex m' għandhiex din l-Onorabbli Qorti in via rikonvenzjonali:*

1. *Tiddikjara li s-soċjeta' Schembri Infrastructures Limited (C 17388) hija responsabbli għall-ħlas tal-penalitajiet għar-raġunijiet fuq imsemmija.*

2. *Tillikwida l-penalitajiet okkorendo bl-opra ta' perit nominand.*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' Schembri Infrastructures Limited (C17388) tħallas lill-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ il-penalitajiet hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax relattiv sal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' Schembri Infrastructures Limited (C17388) li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mal-kontro-talba.

Rat **ir-risposta tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata tas-7 ta' Frar 2014**[3] li permezz ta' liema ppremettiet:

***"Dwar il-Fatti***

1. *Illi in linea preliminari s-soċjeta' esponenti kienet rebħet erba' tenders separati sabiex twettaq xogħolijiet ta' kostruzzjoni ta' diversi toroq fil-lokalita ta' Ħaż-Żebbuġ u dan kif jirriżulta mid-dokumenti tat-tenders relattivi hawn annessi bħala Dok 'SIL1' – Dok 'SIL4';*

2. *Illi t-talbiet tas-soċjeta' esponenti kif dedotti fir-rikors promotur u li għalihom l-istess soċjeta' esponenti qiegħda titlob il-ħlas huma msejsa fuq it-tenders bin-numri ta' referenza 001/2009, 002/2009 u 004/2009 filfatt l-istess soċjeta' esponenti qiegħda titlob ħlas għal xogħolijiet magħmula fi Triq il-Kurkanta, Triq il-Qubbajt, Triq Tumas Dingli, Triq Għasfura, Triq A. Gatt u Triq Buskett;*

3. *Illi jirriżulta li l-kontrotalba tal-Kunsill rikonvenzjonant hija parzjalment imsejsa fuq it-tender bin-numru ta' referenza 003/2009 u għalhekk fuq kuntratt separat minn dawk li fuqhom hija dedotta t-talba oriġinali tas-soċjeta' esponenti;*

4. *Illi s-soċjeta' esponenti tikkontesta l-fatti kif dikjarati mill-Kunsill rikonvenzjonant u dan għas-segwenti raġunijiet;*

[3] Fol 138 et seq

5. *Illi għalkemm il-Kunsill xtaq li x-xogħolijiet jibdew ma kienx dispost iħallas u filfatt ma kellux il-mezzi li jħallas għax-xogħolijiet. Jirriżulta li kien ippropona pagament tul medda ta' tmien snin li ma kienitx aċċettata mill-kuntrattur. Billi l-Kunsill ma setgħax iħallas ma kien ebda skop li jsiru dawn ix-xogħolijiet;*

6. *Illi għalhekk f'Jannar tal-2012, il-Kunsill reġa' ħareġ l-istess xogħolijiet previsti fit-tenders surreferiti b'tender jew tenders ġodda u jirriżulta li kienu saru offerti minn terzi;*

7. *Illi sussegwentement għal dan il-fatt rappreżentanti tas-soċjeta' esponenti ġew mgħajta għal laqgħa mas-Sindku. F'dak il-meeting is-Sindku esprima x-xewqa li t-toroq in kwistjoni, minkejja l-ħruġ tat-tender ġdid, isiru mill-esponenti u talab lill-esponenti jindikaw rati ġodda għat-toroq in kwistjoni;*

8. *Illi wara din il-laqgħa is-soċjeta' esponenti bagħtet rati ġodda kif mitluba mill-Kunsill, iżda minkejja indikazzjonijiet posittivi bil-fomm, qatt ma ġew approvati mill-Kunsill b'mod formali;*

9. *Illi kien in segwitu għall-episodju imsemmi fil-paragrafu preċedenti li f'Marzu tal-2102 il-Kunsill bagħat d-default notices kollha eżibiti fil-proċess. Qatt ma kienu ngħataw default notices qabel din il-ġurnata u filfatt fil-mument li nħarġu l-istess default notices il-kuntratt kien ġia ġie terminat effettivament bl-aġir tal-Kunsill meta l-istess Kunsill iddeċieda li jerġa' joħroġ b' tender/s ix-xogħolijiet in kwistjoni. Evidentement il-Kunsill iddeċieda li jittermina il-kuntratti mogħtija lill-esponenti għall-konvenjenza tal-istess Kunsill u dan għaliex il-Kunsill ma kienx qed jaqbel mal-ħlasijiet li l-istess Kunsill kien approva meta ta l-kuntratt oriġinarjament lis-soċjeta' esponenti.*

10. *Illi l-fatti dikjarati mill-konvenuti fit-talba rikonvenzjonali tagħhom huma għalhekk miċħuda bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.*

***Eċċezzjonijiet***

1. *Illi preliminarjament, il-kontrotalba tal-Kunsill rikonvenzjonant ma hijiex kontro-talba proponibbli a bażi tal-fatt li ma jirriżultawx il-kondizzjonijiet rikjesti mill-Artikolu 396 tal-Kap 12, partikolarment għaliex il-fatti rilevanti ma joħorġux mill-istess kuntratti li in forza tagħhom aġixxa l-esponent;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju t-talbiet rikonvenzjonali huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra il-Kunsill rikonvenzjonant;*

3. *Illi l-esponenti ma kkważaw ebda dannu lill-Kunsill Lokali u ma huma responsabbli għal ebda penali anzi huwa l-Kunsill Lokali rikonvenzjonant innifsu li hu debitur tal-attriċi kif premess fir-rikors promotorju;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalsiasi każ, il-kuntratti in kwistjoni kienu ġew terminati mill-kunsill mingħajr ħtija tas-soċjeta' esponenti u fi kwalsiasi każ ferm qabel ma nħarġu d-default notices. Stante li t-terminazzjoni ma saritx skont il-kuntratt isegwi li il-Kunsill Lokali tilef kull dritt li jirkupra il-penalitajiet inseriti fil-kuntratt.*

5. *Fi kwasliasi każ, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit ulterjorment li d-default notices ma ngħatawx fit-termini tal-kuntratt u ma jistgħux għalhekk iservu bħala bażi għall-azzjoni għall-ġbir ta' penali;*

6. *Fi kwasliasi każ, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit ulterjorment li l-penali mitluba mill-Kunsill Lokali ma nħadmitx korrettement u / jew skont it-termini tal-kuntratt.*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi l-Kunsill konvenut baqa' ma ppreżenta ebda Nota ta' Sottomissjonijiet nonostante li ngħata żmien opportun biex jagħmel dan.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjeta' attriċi kienet ingħatat kuntratt t'appalt mill-Kunsill konvenut sabiex tagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'diversi toroq ġewwa l-lokalita' ta' Ħaż-Żebbuġ. Hija tallega li għalkemm il-Kunsill imsemmi kien għamel ħlasijiet akkont tal-prezz waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, u għalkemm eventwalment ix-xogħlijiet tlestew u ġew lilu konsenjati, għad fadal bilanċ ta' ħlas dovut fl-ammont ta' €92,195.24. Is-soċjeta' attriċi qegħda titlob lill-Qorti

tordna lill-Kunsill konvenut iħallasha din is-somma jew somma verjuri flimkien mal-imgħaxijiet skont il-liġi.

Minn naħa tiegħu l-Kunsill konvenut irrespinġa dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għal żewġ raġunijiet, senjatament għaliex fil-fehma tiegħu s-somma mitluba hija eżaġerata u inoltre għax allegatament is-soċjeta' attriċi kienet debitriċi tiegħu għall-ħlas ta' penalitajiet għal xogħol li kienet obbligat ruħha li teżegwixxi f'toroq ġewwa Ħaż-Żebbuġ u li ma baqgħu ma sarux.

Fir-rigward ta' dawn il-penalitajiet il-Kunsill lokali avvanza kontro-talba għall-likwidazzjoni u l-ħlas tagħhom, liema talba hija fermement opposta mis-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata li tirribatti li ebda penali m'huma dovuta minnha għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta tagħha għall-kontro-talba.

Mill-atti jirriżulta li f'Mejju 2009[4] is-soċjeta' attriċi rebħet konkors t'appalt biex tagħmel xogħol ta' *road resurfacing* f'numru ta' toroq ġewwa l-lokalita' ta' Ħaż-Żebbuġ[5].

Dan l-appalt kien jikkonsisti f'[6]:

a. Tender Nru 001/2009 għal xogħol fit-toroq: Patri Pelaġju Mifsud, Ħal Dwin, Pietru Buttigieg, Ħal Mula, il-Qubbajt, il-Kurkanta[7] u Tumas Dingli għal Valur inkluż il-VAT €263,152.20

---

[4] Fol 857 et seq
[5] Affidavit ta' Alfred Grixti, Sindku tal-kunsill konvenut a fol 581 et seq u affidavit tal-perit Mark John Scicluna għan-nom tas-soċjeta' attriċi a fol 843 et seq
[6] Fol 142 et seq
[7] Il-Qorti tinnota li għalkemm fil-kopja tat-tender esibit in atti Triq il-Kurkanta mhijiex indikata fil-faċċata tat-Tender 001/2009 a fol 142, din it-triq hija mniżżla fil-lista tat-toroq li tagħhom kellu jsir resurfacing fl-Appendiċi 1 tal-istess tender document a fol 221 u għalhekk tifforma parti ntegrali mit-tender imsemmi

b. Tender Nru 002/2009 għal xogħol fit-toroq: Anthony Aquilina, ta' Għasfura u Adeodato Gatt għal valur inkluż il-VAT €111,713.06

ċ. Tender Nru 003/2009 għal xogħol fit-toroq: Ħal Sajd, il-Qamħ, ix-Xgħir, il-Kosbor, l-Insiġ u l-Iskalora għal valur inkluż il-VAT €146,967.62

In-natura tax-xogħol li kellu jsir skont dawn l-offerti kienet tikkonsisti fis-segwenti xogħlijiet[8] –

a. *site clearance* biex jitneħħew il-bankini u l-kurduni l-antiki;
b. kellhom jitqiegħdu l-kurduni u jingħataw l-uċuħ tal-bankini flimkien ma' xogħol relatat bħal livellar tal-kaxxi tad-drenaġġ ta' kull dar eċċ;
ċ. Kellha wkoll titqaxxar/titħammel it-triq eżistenti u jitqiegħed saff ta' żrar magħruf bħala Type 1 u fl-aħħar kellu jingħata saff ta' 80mm ta' asfalt

Wara li ġew iffirmati l-kuntratti relattivi għal dawn it-tenders[9], il-kuntrattur applika għall-permessi meħtieġa mingħand l-Awtorita' tat-Trasport sabiex ikun jista' jibda x-xogħlijiet fl-imsemmija toroq u fil-kors tal-ipproċessar ta' tali applikazzjonijiet irriżulta li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma riedet tgħaddi xi *mains* ta' l-ilma tax-xorb f'xi toroq li fihom kienu ser isiru x-xogħlijiet u sar ftehim fir-rigward[10].

Fil-frattemp, il-Kunsill konvenut ħareġ tender ieħor Nru 004/2009 għal *road resurfacing* fi Triq il-Buskett għall-valur ta' €115,000 inkluż il-VAT. Dan it-tender ġie aġġudikat ukoll lis-soċjeta' attriċi fid-29 ta' Settembru 2009. Peress li dan it-tender kien għal *resurfacing* biss u billi l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta'

[8] Fol 846
[9] Fol 857 et seq
[10] Fol 868 et seq

l-Ilma insistiet li jinbidlu l-*main* ta' l-ilma u d-drenaġġ, fid-19 ta' Mejju 2010 il-Kunsill iddeċieda li jsir ukoll it-tqaxxir tat-triq[11].

It-twettiq ta' dawn il-kuntratti kienu jiġu sorveljati mid-ditta ta' periti nkarigati mill-Kunsill Lokali MED Design Associates partikolarment il-perit Godwin Agius li kien anke jiffirma l-*final certificates* meta kien jitlesta x-xogħol fuq xi triq partikolari[12].

Ix-xogħlijiet fit-toroq il-Kurkanta, Qubbajt u Tumas Dingli minn tender 001/2009 u fit-toroq l-Għasfura u Adeodato Gatt minn tender 002/2009 tlestew għall-ħabta tal-aħħar ta' Novembru u l-bidu ta' Jannar 2010[13].

Minn tabella mħejjija mill-perit tas-soċjeta' attriċi[14] u li ma ġietx kontestata, jirriżulta li sal-ewwel tlett xhut tas-sena 2010 ix-xogħol fit-toroq Patri Pelaġju Mifsud, Ħal Dwin, Pietru Buttigieg Ħal-Mula (Tender 001/2009), Triq Anthony Aquilina (Tender 002/2009) u Toroq Ħal-Sajd, il-Qamħ, ix-Xgħir, il-Kosbor, l-Insig, l-Iskalora kien għadu ma sarx.

Hemm qbil bejn il-partijiet[15] li b'riżultat tal-Budget tas-sena 2010 il-Gvern kien nieda l-iskema tal-Public Private Partnership (PPP) għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq tal-Kunsilli Lokali. Din l-iskema kienet tipprovdi li l-Gvern nazzjonali jagħti sa massimu ta' 30% imqassmin fuq perjodu ta' żmien, lil dawk il-Kunsilli lokali li jidħlu biex jagħmlu dan ix-xogħol bil-kundizzjoni li l-kuntrattur li jirbaħ ix-xogħol jitħallas biss 60% meta jitlesta dan ix-xogħol u jibqa' responsabbli għall-maintenance u ħsarat sa tmien snin u allura jitħallas il-bilanċ ta' 40% matul

[11] Fol 582
[12] Fol 17 et seq
[13] Fol 582 u 847
[14] Fol 848
[15] Fol 582 et seq u fol 849 et seq

dak il-perjodu b'mod annwu. In vista ta' dan l-iżvilupp il-Kunsill konvenut beda taħdidiet mas-soċjeta' attriċi sabiex din taqleb għal din l-iskema fuq it-toroq li kien għad fadal li jsiru. Is-soċjeta' attriċi kienet interessata li tagħmel dan il-pass purche' tkun tista' tgħolli l-prezz b'minimu ta' circa 30%-40% ħalli jagħmel tajjeb għall-ispejjeż u l-interessi bankarji li kienu jiżdiedu meta l-ħlas ikun mifrux fuq żmien itwal. Il-Kunsill daħal ukoll f'taħdidiet mal-Gvern u f'Mejju 2011 ittieħdet deċiżjoni politika biex il-kuntratti li kellha s-soċjeta' attriċi jiġu nklużi f'din l-iskema[16]. Dan kien japplika għat-toroq kollha li fadal ħlief għal Triq il-Buskett li ma kinitx inkluża f'dak il-ftehim.

Jirriżulta li ġjaladarba f'dak l-istadju kienu ser jinbidlu r-rati u t-termini ta' pagamenti fil-kuntratti t'appalt oriġinali s-soċjeta' attriċi bdiet issus wara l-Kunsill konvenut sabiex dan it-tibdil jiġi rifless f'addendum għall-kuntratti oriġinali iżda ma jidhirx li dan sar.

Jirriżulta wkoll li kien hemm qbil bejn il-partijiet li sakemm il-kuntratti tat-tenders 001/2009, 002/2009 u 003/2009 jinqalbu għall-iskemma PPP, ma kellux isir xogħol fuq it-toroq rimanenti li kienu ser ikunu parti minn din l-iskema[17].

L-eks Sindku tal-Kunsill Lokali kompla jixhed li[18] sadanittant ix-xogħol fi Triq il-Buskett waqa' lura. Mill-iskambju ta' emails esibiti bejn Frar u Lulju 2011[19] jirriżulta li kien hemm problema partikolarment bix-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li minħabba fihom sakemm dawn ma jiġux kompletati, x-xogħol ta' *resurfacing* ma setax isir.

[16] Fol 662 et seq
[17] Xhieda tal-perit Mark John Scicluna a fol 850 u tas-Sindku Alfred Grixti a fol 991
[18] Fol 583
[19] Fol 664 et seq

F'Lulju 2011[20] il-Kunsill informa lis-soċjeta' attriċi li huwa kien ilu jaħdem għal diversi xhur sabiex it-toroq li kien għad fadal fil-kuntratt jaqgħu taħt l-iskema tal-PPP bil-kundizzjoni li jkun hemm żieda fil-valur tal-kuntratt ta' 40% biex jagħmel tajjeb għal overdraft tal-Bank. Il-Kunsill informa lis-soċjeta' attriċi wkoll li kien irċieva l-approvazzjoni tad-Dipartiment għal dawn it-toroq u talab laqgħa mas-soċjeta' attriċi sabiex ikunu jistgħu japplikaw għal permessi ta' dawk it-toroq elenkati fl-email.

Fit-30 t'Awissu 2011[21] intbagħtet email oħra mill-Kunsill konvenut fejn talbet lis-soċjeta' attriċi sabiex jibagħtu rati riveduti sabiex jagħmlu tajjeb għal kundizzjonijiet ta' termini ta' ħlas inferjuri tal-PPP. Fiha ġie ndikat ukoll li kien hemm ftehim li x-xogħol jibda f'nofs Ottubru 2011 u li għalhekk kellha ssir laqgħa urġenti bejniethom fil-bidu ta' Settembru. Fin-nuqqas, il-Kunsill kien ser jeħodha li m'hemmx interess minn naħa tas-soċjeta' attriċi.

Fl-4 ta' Settembru 2011[22] is-soċjeta' attriċi bagħtet lill-Kunsill ir-rati riveduti kif rikjest u fakkritu biex il-kuntratt rivedut/addendum jiġi ffirmat sal-aħħar tax-xahar.

Fid-19 ta' Settembru 2011[23] is-soċjeta' attriċi fakkret lill-Kunsill li kienet għadha ma rċeviet xejn mingħandu la dwar ix-xogħlijiet rikjesti u lanqas kopja tal-addendum/kuntratt rivedut sabiex ikuu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet taħt il-kundizzjonijiet il-ġodda. Is-soċjeta' attriċi tgħid li la l-informazzjoni u lanqas l-addendum/kuntratt rivedut baqgħu qatt ma waslulha u b'hekk ma kinitx f'qagħda li tibda x-xogħlijiet f'Ottubru u tlestihom sa Jannar.

---

[20] Fol 881
[21] Fol 884
[22] Fol 886
[23] Fol 896

B'riżultat ta' dan is-soċjeta' attriċi ssostni li l-Kunsill konvenut ma kienx ġustifikat li bagħtilha *default notices* datati 20 ta' Marzu 2012 meta x-xogħlijiet kienu twaqqfu mill-istess Kunsill peress li ried ipoġġi x-xogħol fil-qafas tal-PPP. Wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' attriċi, Edward Schembri, xehed ukoll li wara li l-Kunsill baqa' ma tahomx risposta fuq ir-rati u baqa' jirrifjuta li jifformalizza r-rati l-ġodda, kien il-Kunsill stess li effettivament xolja l-kuntratti li kellhom u kien anke rrilaxxja l-garanzija bankarja favur is-soċjeta' attriċi fir-rigward tat-tenders 001/2009, 002/2009 u 003/2009[24]. Il-garanziji bankarji ġew itterminati fit-23 t'April 2011[25].

Għal dak li jirrigwarda Triq il-Buskett, is-soċjeta' attriċi qalet li x-xogħlijiet minn naħa tagħha mxew sew. Kien hemm xi diskrepanzi bejn il-kejl tal-kuntrattur u dak tal-perit tal-Kunsill pero' l-perit tas-soċjeta' attriċi kkonferma l-kejl tiegħu għalkemm qal li wieħed seta' jivverifika l-kejl fuq is-sit. Il-perit Scicluna għan-nom tas-soċjeta' attriċi xehed li finalment id-differenza fil-kont tas-soċjeta' attriċi u ċ-ċertifikat tal-perit tal-Kunsill ma kinitx kbira pero' l-Kunsill xorta baqa' ma ħallasx il-kont. Fi kwalunkwe każ in vista ta' xi nuqqasijiet li l-perit tal-Kunsill sab fil-ħxuna tat-tarmac u li fil-fehma tiegħu ma kinux skont da rikjest fil-kuntratt, kienu ġew ikkunsidrati mill-perit tal-Kunsill u mnaqqsa mill-komputazzjoni tal-ammont li kellu jitħallas lis-soċjeta' attriċi fuq din it-triq.

Minn naħa l-oħra, Alfred Grixti l-eks Sindku tal-Kunsill konvenut[26] ilmenta li dwar Triq il-Buskett, meta s-soċjeta' attriċi għamlet l-i*scarifying* ta' din it-triq kienet waqfet mix-xogħol u heddet li ma tkomplix jekk ma tingħatax ħlas ta' €50,000. Il-Kunsill kien aċċetta din ir-rikjesta fil-25 ta' Marzu 2011 u rabat lill-kuntrattur li l-ħlas isir biss jekk imur u jkompli x-xogħol fit-28 ta' Marzu 2011[27].

[24] Fol 928
[25] Fol 949 et seq
[26] Fol 584
[27] Fol 668 et seq

Ix-xhud kompla jgħid li l-Kunsill kompla juri rieda tajba mas-soċjeta' attriċi bil-għan li jibdew ix-xogħlijiet fit-toroq l-oħra li kien fadlilha tagħmel bl-iskema tal-PPP. Qal li wara diskussjonijiet li kellu mas-Sur Schembri għan-nom tas-soċjeta' attriċi, dan kien tah il-kelma li ser jibda f'Novembru 2011. Madankollu din il-wegħda ma nżammitx mis-soċjeta' attriċi u għalhekk il-Kunsill kien kostrett li japplika l-penalitajiet kontemplati fil-kuntratt, liema deċiżjoni ttieħdet waqt laqgħa tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2012[28]. L-ittra li fiha ġiet komunikata din id-deċiżjoni hija datata 31 ta' Marzu 2012[29].

In fine, dwar Triq il-Buskett, il-Kunsill konvenut ma kienx qed jaqbel mal-ammont li qed tippretendi s-soċjeta' attriċi għal tlett raġunijiet[30] –

a. Iċ-ċertifikazzjoni li saret mill-periti tal-Kunsill hija għal ammont ferm anqas minn dak li qed titlob is-soċjeta' attriċi u ċioe' €69,457.93[31];

b. L-ammont li talbet is-soċjeta' attriċi bħala ħlas għax-xogħol li sar minnha fi Triq il-Buskett huwa ta' €78,580.84 li jfisser li huwa wkoll inqas mill-ammont li fuqu fetħet din il-kawża[32];

c. Il-periti tal-Kunsill kienu ħarġu wkoll ċertifikat li jikkonferma li l-ħxuna tat-tarmac fi Triq il-Buskett hija anqas milli suppost kellha tkun[33] u dan waħdu jixħet f'dubju l-ammont ta' ħlas li qed tippretendi s-soċjeta' attriċi.

---

[28] Fol 672
[29] Fol 750
[30] Fol 585
[31] Fol 762
[32] Fol 763 et seq
[33] Fol 768

Jiġi nnutat li fil-proċeduri odjerni l-fattura maħruġa mis-soċjeta' attriċi fil-21 ta' Marzu 2013 u li a bażi tagħha qegħda titlob il-bilanċ mertu tal-kawża tagħti s-segwenti *breakdown*[34] -

| | | |
|---|---|---|
| Tender 001/2009: | Triq il-Kurkanta | €42,416.23 |
| | Triq il-Qubbajt | €45,173.02 |
| | Triq Tumas Dingli | €21,169.54 |
| Tender 002/2009: | Triq Għasfura u A. Gatt | €106,282.13 |
| Tender 004/2009: | Triq Buskett | €78,580.84 |
| Ħlas li sar mill-Kunsill konvenut: | | €201, 426.52[35] |
| Bilanċ dovut: | | €92,195.24 |

Rodianne Bonnici, *Senior Accounts Clerk* mas-soċjeta' attriċi spjegat li l-pagamenti li kien jagħmel il-Kunsill kienu jitħallsu *on account*[36], u ċioe' l-ħlasijiet li kien jagħmel il-Kunsill konvenut għax-xogħlijiet li kienu saru ma kinux jindikaw għall-liema triq partikolari qed isiru. Rodianne Brincat, għan-nom tas-soċjeta' attriċi xehdet hekk[37] -

*"Xhud....meta kienu jkunu jistgħu jagħtu pagament kienu jagħtu payment on account.*

*Dr Gabrielle Scicluna: U intom ma kontux tafu liema xogħol speċifiku qed jitħallas.*

*Xhud: ma kinux jispeċifikaw ix-xogħlijiet li kien qed jitħallas."*

[34] Fattura a fol 5
[35] Breakdown a fol 948
[36] Fol 942 et seq
[37] Fol 1013 et seq

Fl-isfond ta' din is-sinteżi tal-provi l-Qorti sejra l-ewwel tqis **l-azzjoni prinċipali tas-soċjeta' attriċi.**

F'dan ir-rigward issir referenza għall-**ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Kunsill konvenut** li fil-frattemp ġiet sorvolata peress li b'digriet tal-Qorti stess tas-7 ta' Frar 2014 ġiet ordnata d-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawża u fl-atti kollha sussegwenti. Għalhekk il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Fit-tieni lok issir referenza għall-argument imqajjem mis-soċjeta' attriċi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha dwar it-tieni eċċezzjoni tal-Kunsill konvenut li tirrigwarda l-mertu[38]. Is-soċjeta' attriċi targumenta li d-difiża tagħha hija kontradittorja in kwantu fl-ewwel parti tal-eċċezzjoni l-Kunsill jgħid li s-somma mitluba mis-soċjeta' attriċi hija eżeġerata u kwindi hija ammissjoni li fil-fatt hemm ammont dovut iżda hemm nuqqas ta' qbil dwar il-quantum; filwaqt li fit-tieni parti tal-eċċezzjoni jieħu pożizzjoni opposta u jargumenta li m'hemm ebda ammont dovut għax hemm penali dovuti mis-soċjeta' attriċi li jiżbqu t-talba għall-ħlas fir-rikors promotur.

Dan kollu jwassal għan-nullita' tal-eċċezzjoni fil-fehma tas-soċjeta' attriċi.

Ingħad bħala prinċipju ġenerali fis-sentenza **Salvino Testaferrata Moroni Viani et Vs Francis Montanaro deċiż fis-27 ta' Ġunju 2003** li –

*"...hu ġeneralment ammess li konvenut ma huwiex prekluż milli jaddotta aktar minn sistema waħda ta' difiża."*

[38] Fol 1041

Il-Qorti ma tarax li d-difiża tal-Kunsill kif impustata hija waħda kontradittorja kif insinwat mis-soċjeta' attriċi. L-eċċezzjoni hija waħda li tgħid li l-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi mhux dovut għal żewġ raġunijiet, l-ewwel waħda li l-ammont huwa esaġerat filwaqt li t-tieni waħda hija li hemm penali dovuti li effettivament jiżbqu s-somma mitluba. Effettivament għalhekk fl-ewwel raġuni tirriżulta l-ammissjoni li hemm ammont dovut iżda mhux fil-kwantita' mitlub, filwaqt li fit-tieni raġuni, din l-ammissjoni mhijiex miċħuda iżda sostanzjament targumenta li fi kwalunkwe każ, anke jekk hemm ammont dovut dan m'għandux jitħallas għax akkumulaw penali li jeċċedu l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi u li talba għall-liwidazzjoni tagħhom saret fil-kontro-talba. Ergo, anke jekk hemm ammont dovut lis-soċjeta' attriċi għandha tidħol fis-seħħ it-tpaċija *ipso jure* a tenur tal-artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili. Frankament il-Qorti tħoss illi hawn l-attriċi pruvat tirkeb fuq eċċezzjonijiet simili mqajjma fejn si tratta il-preskrizzjoni li ċertament mhux il-kaz.

Il-Qorti għalhekk ma tara ebda nkompatibilita' fil-linja difiżjonali tal-Kunsill konvenut; waħda ma teskludix lill-oħra u konsegwentement dan l-argument huwa respint.

**L-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi** hija għall-kundanna għall-ħlas tal-ammont ta' €92,195.24 jew somma verjuri kif ordnata mill-Qorti flimkien mal-imgħaxijiet skont il-liġi mid-data tal-konsenja.

Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi fis-suespost, it-toroq li tagħhom qed jintalab il-ħlas mis-soċjeta' attriċi skont il-fattura esibita mar-rikors promotur[39] huma dawn-

Triq il-Kurkanta - €42,416.23

Triq il-Qubbajt - €45,173.02

Triq Tumas Dingli - €21,169.54

Triq l-Għasfura u A. Gatt - €106,282.13

Triq il-Buskett - €78,580.84

Il-*Bills of Quantities* għal kull waħda minn dawn it-toroq ġew esbiti a fol 43 et seq. Sandro Busuttil, li fl-epoka kien *Quantity Surveyor* mas-soċjeta' attriċi spjega[40] li xogħolu kien li jmur fuq il-lant tax-xogħol u jkejlu biex imbagħad eventwalment jiġi kalkulat il-ħlas dovut lis-soċjeta attriċi.

Il-Kunsill konvenut ma kkontestax li dawn it-toroq effettivament saru, tant li fir-rigward tagħhom inħarġu anke ċertifikati finali ta' tlestija ta' xogħol mill-periti tad-ditta MED Design Associates li kienu nkarigati mill-Kunsill konvenut sabiex jissorveljaw ix-xogħlijiet in kwistjoni.

Il-Qorti tinnota li hemm diverġenzi bejn l-ammonti mitluba mis-soċjeta' attriċi u dawk ċertifikati mill-periti tal-Kunsill Lokali li filwaqt li taw il-valur gross tax-xogħlijiet, naqqsu wkoll minn kull ammont 5% bħala "*Contract fee to be retained by Employer as detailed in terms of Contract*" biex imbagħad indikaw l-ammont totali li kellu jitħallas lis-soċjeta' attriċi skont dak l-istess ċertifikat.

Il-valuri ndikati miċ-ċertifikati tal-periti tal-Kunsill konvenut huma hekk[41] -

| *Triq* | *Gross valuation of works* | *-5%* | *Total* |
|---|---|---|---|
| Kurkanta | €41,290.13 | €2,064.51 | €39,225.62 |
| Qubbajt | €44,942.95 | €2,247.15 | €42,695.80 |

[39] Fol 5
[40] Fol 1019
[41] Fol 17 et seq

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tumas Dingli | €21,169.54 | €1,058.48 | €20,111.06 |
| Għasfura u A. Gatt | €106,514.47 | €5,325.72 | €101,188.75 |
| Triq il-Buskett | €73,113.61 | €3,655.68 | €69, 457.93 |

Il-periti rispettivi tal-partijiet ikkonfermaw li huma kienu jkejlu x-xogħol[42].

Huwa probabbli mill-provi mressqa li d-diskrepanza fiċ-ċifri finali ta' ħlas hija dovuta –
(i) għall-varjazzjonijiet fil-kejl meħud mill-periti fit-toroq rispettivi mertu tal-proċeduri odjerni; u
(ii) għat-tnaqqis ta' 5% bħala *Contract Management Fee*

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha s-soċjeta' attriċi targumenta li l-*Contract Management Fee* ta' 5% ma tirriżulta minn imkien u li allura tali tnaqqsi huwa arbitrarju, abbużiv u llegali[43]. Pero' dan mhuwhiex minnu peress li l-klawsola A.24 tal-*General Conditions of Contract and Specifications for Road Resurfacing for Ħaż-Żebbuġ Local Council* ta' kull tender in kwistjoni[44] tipprovdi li –

*"The tendered rates shall be inclusive of a 5% Contracts Manager Fee, which will be deducted from the final measurements bill. No claims for any increase in prices or cost of labour will be accepted."*

Fir-rigward tal-kont marbut max-xogħlijiet ta' Triq il-Buskett, mill-provi ntwera li oltre xi diskrepanzi fil-kejl bejn il-periti rispettivi tal-partijiet kienet qamet ukoll kwistjoni dwar il-ħxuna tat-tarmac mogħti mis-soċjeta' attriċi f'dik it-triq in

[42] Perit Godwin Agius għall-Kunsill Lokali a fol 962 u l-perit Mark John Scicluna għas-soċjeta' attriċi a fol 854
[43] Fol 1044 et seq
[44] Fol 142 et seq

kwantu l-perit Godwin Abela ikkonstata li dan ma kienx tal-ħxuna rikjesta fil-kuntratt. Pero' kif irriżulta mix-xhieda tal-istess perit Abela[45], effettivament dak in-nuqqas li huwa sab fix-xogħol kien diġa' ħadu in kunsiderazzjoni fid-dokumentazzjoni annessa maċ-ċertifikat finali u li għalih talab riduzzjoni fil-prezz li għandu jitħallas[46] –

*"Dr Scicluna: Fil-fatt b'mod partikolari nirreferik a fol tnejn u erbgħin (42) tal-proċess, item B2, fejn inti hemmhekk diġa tlabt għal tnaqqis mill-prezz bażikament. Hemmhekk inti kont qed tieħu kont tal-ħxuna hux hekk?*

*Xhud: iva hawn żewġ deductions, waħda għal asfaltar li ma jkunx sar tajjeb forty five (45) square metres u hawn parti minnha ta' mija u għoxrin (120) metru li bħala thickness milli jidher ma kinitx kemm kien stipulat.*

*Dr Scicluna: Meta inti kejjilt u ħriġt kont inti diġa' naqqast mill-claim tal-kuntrattur inti diġa' naqqast dak li inti dehrlek li kellu jitnaqqas.*

*Xhud: Iva."*

Inoltre u għal kull buon fini l-Qorti tosserva li ma rriżultax pruvat l-ilment tal-Kunsill konvenut kif espress fix-xhieda tal-ekx Sindku Alfred Grixti fejn qal li "l-ammont li talbet is-soċjeta' attriċi bħala ħlas għax-xogħol li sar minnha fi Triq il-Buskett huwa ta' €78,580.84 li jfisser li huwa wkoll inqas mill-ammont li fuqu fetħet din il-kawża". Dan peress li kif intwera mill-fattura esibita mis-soċjeta' attriċi mar-rikors promotur, is-somma mitluba minnha għal Triq il-Buskett hija

[45] Fol 962 et seq
[46] Fol 962 et seq

preċiżament dik ta' €78,580.84 u kwindi l-istess bħas-somma ndikata fil-*Bill of Quantities* mibgħuta mis-soċjeta' attriċi lill-Kunsill konvenut[47].

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet kollha l-Qorti tissottolinea li ma hemmx dubju li s-soċjeta' attriċi għandha kull dritt titħallas għax-xogħlijiet li saru fit-toroq imsemmija u li l-Kunsill konvenut stess jirrikonoxxi li ġew kompletati dawn ix-xogħlijiet fihom kif indikat miċ-ċertifikati finali stess li saru mill-periti tiegħu. Huwa notevoli wkoll li l-Kunsill konvenut, minkejja li kien jaf li dawn ix-xogħlijiet kienu lesti baqa' sal-lum ma ħallasx almenu l-ammonti kif stabbiliti mill-periti tiegħu stess f'dawn iċ-ċertifikati msemmija. Jidher pero' li riċentament u fil-mori tal-kawża l-Kunsill irrikonoxxa li għad hemm ħlas dovut lis-soċjeta' attriċi għal dawn ix-xogħlijiet tant li minn korrispondenza mibgħuta lilha mill-istess Kunsill konvenut fis-27 ta' Frar 2019[48] huwa ndika li skont ir-records tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2018 kien għad fadallu jħallas is-somma ta' €71,253.00. Meta wieħed iqis li l-Kunsill konvenut kien diġa' ħallas is-somma ta' €201,426.52 għax-xogħlijiet, din is-somma ta' €71,253.00 tirrappreżenta allura l-bilanċ rimanenti dovut mill-ammont totali ta' ħlasijiet kif ċertifikati mill-periti tal-Kunsill.

Ferm il-premess, u analizzati l-kontijiet esibiti mill-partijiet kif ċertifikati mill-periti tagħhom, tenut kont ukoll id-diskrepanzi minimi fil-kejl li fuqu ġie kalkulat il-valur tax-xogħol kif ukoll il-fatt li l-*Bills of Quantities* tas-soċjeta' attriċi <u>ma fihomx it-tnaqqis ta' 5% Manager's Fee</u>, il-Qorti fuq bażi ta' probabiltajiet ser tiddeċiedi li taċċetta l-valur tax-xogħol dovut għat-toroq imsemmija skont kif indikat fiċ-ċertifikati maħruġa mill-periti tal-Kunsill konvenut u ċioe' -

Triq il-Kurkanta - €39,225.62

[47] Fol 763 et seq
[48] Fol 1036

Triq il-Qubbajt - €42,695.80

Triq Tumas Dingli - €20,111.06

Toroq l-Għasfura u A. Gatt - €101,188.75

Triq il-Buskett - €69, 457.93

Valur totali tax-xogħol huwa ta' €272,679.16 li meta minnu titnaqqas is-somma ta' €201,426.52 jifdal **bilanċ dovut a favur is-soċjeta' attriċi ta' €71,252.64.**

**Għalhekk it-talba attriċi timmerita li tiġi akkolta inkluż bl-imgħaxijiet kif mitlub pero' limitatament sas-somma ta' wieħed u sebgħin elf mitejn u tnejn u ħamsin Ewro u erba' u sittin ċenteżmu (€71,252.64).**

Dan naturalment huwa suġġett għall-eżitu tal-kontro-talba tal-Kunsill konvenut.

**Fil-limiti ta' dak li ġie deċiż fis-suespost, l-ewwel parti tad-difiża tal-Kunsill konvenut li t-talba attriċi hija esaġerata, sejra tiġi milqugħa.**

**<u>Kontro-talba</u>**

Il-Kunsill konvenut qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' attriċi għall-ħlas tal-penali wara li jsostni li din naqset milli tesegwixxi xogħlijiet fit-toroq rimanenti bi ksur tat-termini kuntrattwali.

Fl-20 ta' Marzu 2012 il-Kunsill Lokali bagħat *default notices* lis-soċjeta' attriċi[49] fejn infurmaha li wara numru ta' laqgħat li saru bejn il-partijiet fil-bidu t'Awissu 2011, l-aħħar t'Awissu 2011, f'Diċembru 2011 u l-bidu ta' Jannar 2012 fejn skont

[49] Fol 74 et seq

il-Kunsill is-soċjeta' attriċi kienet wegħdet li ser tibda x-xogħolijiet fit-toroq rimanenti l-ewwel f'Ottubru 2011, imbagħad f'Novembru 2011, imbagħad f'Jannar 2012 u finalment f'Marzu 2012, u wara li ntbagħtitilha email fejn intalbet tirrispondi dwar it-triq 'il quddiem sas-6 ta' Frar 2012, liema risposta baqgħet ma waslitx, il-Kunsill rikonvenzjonanti kien unaniment iddeċieda li in vista tad-dewmien mhux ġustifikat għall-bidu tax-xogħlijiet, il-kuntratti għall-kisi ta' toroq f'Ħaż-Żebbuġ kien ser jiġi xolt.

A bażi tal-klawsola 32 (a) tal-*General Conditions of Contract and Specifications for Road Resurfacing for Ħaż-Żebbuġ Local Council* is-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata ngħatat struzzjonijiet biex fi żmien 7 ijiem minn notifika tal-ittra tibda x-xogħlijiet inkluż kisi mill-ġdid fis-segwenti toroq: Pietru Buttigieg, Anthony Aquilina, Ħal Dwin, Ħal Sajd, Kosbor, Qamħ, Xgħir, Insiġ, Skalora, Patri Pelaġju.

Klawsola 32 (a) fuq imsemmija titratta *Default in Performance* u tgħid hekk[50] –

*"Where the Council representative is satisfied that in any particular case the Contractor has failed to perform the Service in accordance with the Contract Documents the Council Representative shall be entitled to instruct the Contractor in wiriting to remedy the failure in order to comply fully therewith within such reasonable perioed as the Council Representative may determine."*

Sussegwentement permezz ta' ittra datata 31 ta' Marzu 2012[51] il-Kunsill lokali nforma lis-soċjeta' rikonvenzjonata peress li hija baqgħet m'ottempratx ruħha mal-varji *default notices* li ntbagħtulha u baqgħet ma bdietx ix-xogħlijiet meħtieġa fit-terminu mpost, il-Kunsill kien qiegħed jimponi multa totali ta'

[50] Fol 214
[51] Fol 75

€394,451.03 għall-ksur tal-obbligi kuntrattwali da parti tagħha. Il-penali nħadmu fuq is-somom kwotati fit-tenders li s-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata ssottomettiet.

Ferm il-premess fl-ewwel lok għandha tiġi trattata l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata fejn tgħid illi il-kontrotalba tal-Kunsill rikonvenzjonant ma hijiex proponibbli a bażi tal-fatt li ma jirriżultawx il-kondizzjonijiet rikjesti mill-Artikolu 396 tal-Kap 12, partikolarment għaliex il-fatti rilevanti ma joħorġux mill-istess kuntratti li in forza tagħhom aġixxa l-esponent.

Ingħad hekk fil-każ **L-Avukat Dottor Francis Lanfranco vs Francesco Saverio *sive* Frans Cutajar deċiż fid-29 ta' Settembru 2015 -**

*"Ir-rikonvenzjoni hija proċedura speċjali, eċċezzjonali, regolata bl-**Art. 396 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.** L-element essenzjali ta' din il-proċedura hija il-konnessjoni li trid tirriżulta bejn it-talba u l-kontro-talba (continentia causarum). L-iskop tal-proċedura imsemmija hija l-unifikazzjoni ta' żewġ kawżi awtonomi u distinti li altrimenti ikunu jistgħu jinstemgħu kontestwalment u jwasslu għal żewg sentenzi separati minnflok sentenza unika.*

*Skont l-**Artikolu 396 tal-Kap Tnax tal-Liġijiet ta' Malta,** kontro-talba tista' ssir:-*

*"Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*

*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."*

Is-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata targumenta[52] li l-kontro-talba hija parzjalment improponibbli in kwantu uħud it-toroq li dwarhom il-Kunsill konvenut rikonvenzjonant qiegħed jitlob il-penali – senjatament Triq Ħal Sajd, Triq il-Qamħ, Triq ix-Xgħir, Triq il-Kosbor, Triq l-Insiġ u Triq l-Iskalora – jiffurmaw parti mit-tender 003/2009 mentri l-azzjoni prinċipali tirrigwarda biss it-toroq formanti parti mit-tenders 001/2009, 002/2009 u 004/2009.

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija nfondata. Fl-ewwel lok, jirriżulta li l-kontro-talba hija ntiża li tinnewtralizza l-azzjoni prinċipali permezz ta' tpaċija li l-Kunsill jippretendi li għandha ssir fir-rigward tal-proġett ħolistiku ta' xogħlijiet f'diversi toroq ġewwa Ħaż-Żebbuġ, anke jekk dawn ix-xogħlijiet ġew spezzettati f'4 tenders separati. Inoltre u fi kwalunkwe każ, kif irriżulta mill-provi, is-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata kienet għamlet offerta komplessiva għat-tlett tenders 001/2009, 002/2009 u 003/2009 u f'dan il-kuntest kienet anke għamlet roħs sostanzjali fil-prezz[53].

**B'hekk il-kontro-talba kif magħmula hija proponibbli u kwindi l-eċċezzjoni hija miċħuda.**

Fir-rigward tal-mertu tat-talba, kif ingħad fis-sinteżi tal-provi, fix-xhieda tiegħu l-eks sindku tal-post xehed[54] dwar it-taħdidiet li kienu saru mas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata f'Awissu 2011 u li fihom kien indikat li x-xogħol kellu jibda f'Novembru 2011. Madankollu l-provi mressqa mis-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata jagħtu stampa kemmxejn differenti tal-andament tal-affarijiet bejn il-partijiet. Kif diġa ngħad fis-sinteżi tal-provi, is-soċjeta' attriċi esibiet skambju ta' emails bejn Awissu 2011 u Settembru 2011 li fihom filwaqt li l-

[52] Fol 1047
[53] Fol 582
[54] Fol 584

partijiet kienu qed jiddiskutu dwar it-transizzjoni tal-ftehim li kellhom għal dak taħt l-iskema l-ġdida tal-PPP bir-rati u kundizzjoniijiet ġodda jirriżulta wkoll li s-soċjeta' attriċi kienet qegħda tinsisti, kif kellha dritt tagħmel, li dan it-tibdil kellu jiġi rifless f'addendum jew kuntratt rivedut. Is-soċjeta' attriċi tattribwixxi l-falliment tat-taħdidiet bejn il-partijiet propju għan-nuqqas tal-Kunsill li jifformalizza dan it-tibdil bil-miktub. Il-Kunsill ma rribattiex dawn il-provi u baqa' ma tax spjegazzjoni plawsibbli il-għala huwa ma pproċediex biex jagħmel dan il-pass. Ma jirriżultax mill-korrispondenza esibita li s-soċjeta' attriċi ma kinitx disposta li tkompli bix-xogħlijiet tant li fl-email tad-19 ta' Settembru 2011[55] hija kienet qed tilmenta li l-Kunsill kien għadu ma għamel ebda pass dwar l-aġġornament tal-kuntratt bir-rati l-ġodda u li dan kellu jseħħ mill-aktar fis jekk ix-xogħol kienu ser jinbdew f'Ottubru 2011 u jispiċċaw f'Jannar 2012. Minn hemm il-quddiem hemm nebolożita dwar x'seħħ eżatt bejn il-partijiet sakemm effettivament inħarġu d-*default letters*. Għalkemm fid-*default letters* il-Kunsill jirreferi għal xi komunikazzjoni li kien hemm fil-frattemp bejn il-partijiet, huwa ma jelabora xejn dwarhom u ma jressaqx provi konkreti biex jissustanzjahom.

Hemm ukoll fattur ieħor li l-Kunsill jonqos milli jirribatti b'mod konvinċenti. Kif tosserva s-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata, nonostante d-diċitura tad-*default letters* seħħew avvenimenti li ma jistgħux ma jkomplux idagħjjfu l-pretensjoni tal-Kunsill konvenut: irriżulta nfatti li sa minn April 2011 kienu ġew kanċellati anke l-garanziji bankarji marbuta mat-tenders 001/2009, 002/2009 u 003/2009[56] li normalment jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġi kompletat ix-xogħol.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma tistax ma tissollevax dubju dwar il-bażi legali tal-pretensjoni tal-Kunsill konvenut rikonvenzjonant meta sejjes dawn il-

[55] Fol 896
[56] Fol 949 et seq

pretensjonijiet fuq il-*general conditions of tender* f'ċirkustanzi fejn il-provi juri li dawn il-kuntratti kienu twaqqfu xhur qabel.

Inoltre l-Qorti tkompli tosserva li tiddgħajjef ulterjorment il-pretensjoni tal-Kunsill, anzi tqies li issa aġixxa piutost b'mod kontradittorju, meta wieħed iqis li huwa ressaq din il-kontro-talba f'Jannar 2014 meta mbagħad snin wara u ċioe' fi Frar 2019 kien ikkomunika mas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata biex jinfurmaha li skont ir-*records* tagħhom sa Diċembru 2018 l-istess Kunsill kien debitur tagħha fis-somma ta' €71,253[57]. Dan jindika fi kwalunkwe każ rinunzja da parti tal-Kunsill għal kwalunkwe tpaċija in kwantu li kieku kien il-każ ma kienx ser jieħu dik il-pożizzjoni fil-konfront tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata.

Għalhekk u fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma ssibx li l-kontro-talba hija ġustifikata u sejra tiċħadha, l-istess kif ser tiġi miċħuda t-tieni parti tad-difiża tal-Kunsill fir-risposta ġuramentata tiegħu għall-azzjoni prinċipali.

Tilqa' t-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Dwar l-azzjoni prinċipali tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Kunsill konvenut;**

**2. Fil-limiti ta' dak deċiż fis-sentenza, tilqa' l-ewwel parti tad-difiża tal-Kunsill konvenut li t-talba attriċi hija esaġerata;**

[57] Fol 1036

**3. Tilqa' t-talba attriċi limitatament u tikkundanna lill-Kunsill konvenut iħallas l-ammont ta' wieħed u sebgħin elf mitejn u tnejn u ħamsin Ewro u erba' u sittin ċenteżmu (€71,252.64) prezz ta' xogħlijiet imwettqa mis-soċjeta' rikorrenti bl-imgħaxxijiet skond il-liġi mid-data tal-konsenja tax-xogħolijiet lill-intimata;**

**4. Tiċħad il-kontro-talba tal-Kunsill konvenut u tiċħad ukoll it-tieni parti tad-difiża tal-Kunsill fir-risposta ġuramentata tiegħu għall-azzjoni prinċipali;**

**5. Tilqa' t-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha;**

**6. L-ispejjeż kollha tal-proċeduri jitħallsu mill-Kunsill lokali.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**